mċajpra ta' Settembru kien waħdu d-dar
Għodwa waħda difrejh u jaħseb f'xi ħaġa li tista' sser-
jitbekka xortih, igerrem tiegħu, meta għajnejh waqgħu fuq
raħlu qalbu mill-għadu qalil missieru. Hemmhekk lemaħ il-
l-ixkaffa ta' ħdejn is-sodda ta' qalbu ħabbtet imgħaġġel;
pistola ta' Wenzu; berraq għajnejh; hena. Ħares mit-tieqa lejn il-
fuq fommu feġġet tbissima ta' taptipa sewwa quddiem għaj-
għolja fejn darba Ġużepp kien tah Ġużepp jirgħu mal-ġnub tal-
nejn missieru. Ra l-mogħoż ta' madwaru, donnu biex ikun żgur
għolja. Ta daqqa ta' għajn mal-qalziet; għolla idu għal
li mhu qed jarah ħadd; mesaħ idejh xeħetha f'ħobbu; ħareġ mid-dar;
fuq l-ixkaffa; qabad il-pistola; tħabbat qawwi ġewwa sidru.
kiser għat-triq tal-għolja b'qalbu waħdu jirgħa l-mogħoż u jinbex

Fuq il-għolja deher Ġużepp bgħid minn Ġużepp,
kelb tal-kaċċa. Meta Toni wasal daqsxejn minn ħobbu: "Il-lum
qal b'leħen qawwi waqt li ħareġ il-pistola
ejja megħekni ma' l-art jekk għandeki l-ħila!"

Ġużepp dar lejn Toni; inħasad; sfar; beda jirtogħod; ma
sabx x'jaqbad igħid.

"Il-lum ipprova ersaq lejja u ofġorni kif għamiltli kemm-il
darba!" issokta Toni.

"Għidli li qiegħed tiċċajta, Ton", temtem Ġużepp x'ħin
beda jagħti l-passi lura biex jitbiegħed minn Toni.

"Għalfejn qiegħed tersaq lura u mhux tħebb għalija bħal
qabel?" staqsieh Toni bi tbissima ta' tkasbir.

"Ma nerġax immissek iżjed, Ton... Naħliflek fuq ommok
li ma nerġax. Nibda naqbeż għalik kontra l-oħrajn kollha......
Emminni, Ton, taf!"

Iżda f'wiċċ Toni ma kenitx tidher ħniena; huwa ma kienx
qiegħed jagħti widen ta' kliem Ġużepp. Baqa' riesaq lejh pass
pass waqt li l-ieħor kien miexi lura bla ma jaqla' għajnejh minn
fuq il-pistola.

F'daqqa waħda Toni għajjat: "Żomm hemm, qiegħed f'xifer
l-irdum. Jekk tagħti pass ieħor lura tmur għal isfel. Tersaqx
lejja; ibqa' fejn int."

Ġużepp waqaf; ma kienx jaf x'jaqbad jagħmel. Malajr
ġieh ħsieb u qal bil-ħlewwa lil Toni: "Jiena bsart li int ma tridx
toqtolni." Imma bil-kemm kien qal dal-kliem li ma ħassx l-art
ta' taħtu nieżla bih; iż-żrar beda jitfarfar mill-qiegħa; rasu
għelbitu; ħa tixjira fix-xejn; baqa' nieżel mill-għoli ta' l-irdum
għal fuq il-blat ta' wara l-oqsma.



Toni baqa' qisu mibluh bil-pistola f'idu ippuntata lejn ix-xejn. Imbagħad ferfer rasu donnu stenbah minn nagħsa kerha; daħħal mill-ġdid il-pistola f'ħobbu; qabad in-niżla li wasslitu sad-dar; qiegħed il-pistola fuq l-ixkaffa minn fejn kien ħadha; raġa' mar bil-qiegħda jaħseb u jgerrem difrejh bħalma kien għamel qabel ħareġ mid-dar. Imma f'qalbu ma ħassx il-hena li kien basar sejjer isib.

---

## NIFIRĦU MILL-ĠDID

Fil-ħarġa tagħna ta' Ġunju ta' din is-sena konna ħabbarna, b'ferħ kbir f'qalbna, bil-ġieh li kien iżżejjen bih il-President tal-Għaqda tagħna meta ġie magħżul Kavalier Maġisterjali ta' l-Ordni Suvran u Militari ta' San Ġwann.

Il-lum għandna mill-ġdid għax nifirħu lill-istess President tagħna li tala' tarġa oħra, l-ogħla waħda li jista' jilħaq tabib f'pajjiżna, jiġifieri dik ta' Tabib Prinċipali tal-Gvern.

F'isem il-membri akkademiċi u l-imseħbin ta' "Il-Malti" rridu nħallu hawnhekk imniżżel fil-faċċati tar-rivista tagħna l-ferħ sinċier ta' qalbna u nixtiqulu fl-istess ħin ħajja twila biex fiha jkun jista' jissokta fil-ġid li nafu li għamel fl-imgħoddi fid-Dipartiment Mediku u tas-Saħħa b'risq il-poplu tal-Gżejjer tagħna.

---